KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 22

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

It-Tnejn 31 ta' Lulju, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali Lvant, Triq il-Qasab, San Gwann, fis-6 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan

ASSENTI

Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra.

22.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

21.1.3 Il-President ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar in-nuqqas ta' attendenza mis-Sur Omar Elaref Arab.

21.1.4 Is-Sur Chircop spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv pruvat kemm-il darba tagħmel kuntatt mas-Sur Elaref Arab pero ma kien qed ikun hemm l-ebda kommunikazzjoni lura dwar l-attendanza tiegħu. Hu spjega kif għal din ir-raġuni ser tkun qed tintbagħat komunikazzjoni lill-Kunsill Lokali dwar dan u sabiex jaraw jekk il-Kunsill għandhomx ikollhom rappreżentant ieħor f'isem il-Kunsill Lokali ta' Pembroke.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 21 li nżammet nhar it-Tnejn 26 ta' Ġunju 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

22.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech.

22.2.3 Il-President talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex jiġi diskuss puntu 22.5 li kien hemm fuq l-aġenda.

22.2.4 Fuq l-approvazzjoni tal-membri preżenti, is-Sur Chircop talab lis-Sur Camilleri sabiex jgħati l-preżentazzjoni tiegħu lill-membri.

## 22.5 Preżentazzjoni mill-Maniġer tal-Proġetti – Is-Sur Kurt Camilleri

22.5.1 Is-Sur Camilleri ta spjegazzjoni tax-xogħol li qed isir minnu f'isem il-Kunsill Reġjonali Lvant – organizzazzjoni ta' laqgħat u avvenimenti relatati mat-titlu tar-Reġjun Ewropew tal-Isports 2023, u dwar l-għajnuna li ta lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-ġbir ta' informazzjoni relatata ma' l-amministrazzjoni ta' proprjetà pubblika.

22.5.2 Il-President staqsa lill-membri jekk kienx hemm xi domandi li xtaqu jressqu lis-Sur Camilleri.

22.5.3 Il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, staqsiet jekk is-Sur Camilleri kienx għamel kuntatt ma' kumpanija lokali li jaf ikunu t'għajnuna finanzjarja

22.5.4 Is-Sur Camilleri spjega kif kien għamel kuntatt pero ma kien hemm l-ebda rispons.

22.5.5 Is-Sa Abela kif ukoll is-Sur Pillow għaddew il-persuna diretta li għandu jitkellem miegħu s-Sur Camilleri bit-tama li jkun t'għajnuna lejn l-avvenimenti marbuta mat-titlu.

22.5.6 Is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, staqsa x'ser ikun qed jiġri ġaladarba dan it-titlu jispiċċa fl-aħħar ta' din is-sena u jekk hux ser ikun hemm xi kontinwazzjoni għas-snin li ġejjin. Hu żied jgħid kif għandu jkun hemm ċirkulazzjoni ta' informazzjoni fuq l-avvenimenti li jibqgħu jinżammu mill-klabbs matul il-kumplament tas-snin.

22.5.7 Il-President spjega kif dan għandu jkun legat tar-Reġjun għalkemm ma kien hemm l-ebda fondi marbutin ma' dan it-titlu. Hu żied jgħid li l-avvenimenti li nżammu kienu ta' suċċess u uħud mill-avvenimenti għandhom jibqgħu jinżammu.

22.5.8 Peress li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet mill-membri preżenti, is-Sur Chircop irringrazzja lis-Sur Camilleri talli kien preżenti għal din il-laqgħa u ġie skużat sabiex joħroġ mill-laqgħa.

22.5.9 Is-Sur Chircop xtaq li jgħid żewġ kummenti qabel ma l-laqgħa titkompla ma' l-aġenda, fosthom ġie diskuss il-livell ta' xogħol li qed isir.

22.5.10 Is-Sur Chircop irrimarka li kull laqgħa li jattendi hu flimkien mas-Sur Camilleri, qed ikun hemm problema kbira ta' *follow ups* u spjega diversi eżempji ta' laqgħat li kienu nżammu, kemm ma Ministri u kemm ma' kumpaniji privati.

22.5.11 ***18:27pm – Is-Sindku tal-Pietà, is-Sa Zoya Attard, waslet għal din il-laqgħa.***

22.5.12 Is-Sur Chircop żied jgħid il-problema li riċentament kienet inqalgħet waqt li kienu qed isiru l-aħħar preparamenti għat-tournament taċ-ċess fejn, għall-ebda raġuni, is-Sur Camilleri qabad jgħajjat miegħu b'ton mhux aċċettabli sabiex jinforma li hu ma kienx ser ikun aċċessibli biex ikun fl-avveniment u f'laqgħat oħra barra mill-ħin ta' l-uffiċċju.

22.5.13 Is-Sur Chircop spjega kif għalkemm hu skuża ruħu permezz ta' messaġ, incident simili ġara mas-Segretarju Eżekuttiv ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa tar-Reġjun.

22.5.14 ***18:30pm – Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit wasal għal din il-laqgħa.***

22.5.15 Is-Sur Chircop spjega kif dan l-aġir mhux aċċettabli ma l-ebda persuna li qiegħed fl-ambjent ta' l-uffiċċju u dan huwa r-rakomandazzjoni tiegħu u ħalla f'idejn il-membri sabiex jgħatu l-opinjoni tagħhom.

22.5.16 Il-membri preżenti taw il-kummenti tagħhom dwar dan is-suġġett u lkoll qablu li s-Sur Camilleri għandu jiġi mgħajjat għall-laqgħa biex dawn il-punti li ġew imqajma jiġu ndirizzati lilu.

22.5.17 Is-Sur Chircop talab sabiex il-laqgħa titkompla skond il-kumplament ta' l-aġenda.

## 22.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Kuntratt bejn ir-Reġjuni u l-PROs*

22.3.1 Il-President informa lill-membri kif dan il-kuntratt bejn ir-Reġjun u l-Greenpak u l-GreenMT ser ikun qed jiġi iffirmat nhar l-Erbgħa 23 t'Awwissu 2023.

22.3.2 Hu spjega kif aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħad fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss.

- *Laqgħa mal-Ministru ta' l-Anzjani*

22.3.3 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar it-Tnejn 10 ta' Lulju 2023 mal-Ministru għall-'Active Aging', l-Onor. Jo Etienne Abela, flimkien mas-CEO, Is-Sur Renzo De Gabriele, dwar it-titlu marbut mar-Reġjun Ewropej ta' l-Isports għas-sena 2023.

22.3.4 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa kienu preżenti hu flimkien mal-Maniġer tal-Proġetti, Kurt Camilleri, fejn ġiet imressqa talba sabiex ikunu jistgħu jsiru xi avvenimenti u *sports day* għall-anzjani.

22.3.5 Is-Sur Chircop spjega kif din it-talba ġiet milquha u ser ikun qed issir avveniment ma' l-anzjani f'Ottubru/Novembru li ġej.

- *Regional Treasure Hunt*

22.3.6 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2023 marbuta ma' dan il-proġett fejn hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, mal-Maniġer ta' l-Ambjent u mal-Maniġer tal-Kultura ltaqgħu maċ-*Chairman* ta' Db Group Foundation, is-Sur Francis Zammit Dimech.

22.3.7 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgha kien hemm preżenti wkoll is-Sur Peppi Azzopardi f'isem il-WEE media peress li qed jgħati l-għajnuna professjonali fejn jidħol il-media.

22.3.8 Is-Sur Chircop spjega kif din il-laqgħa inżammet bil-għan li din il-fondazzjoni tgħin fil-finanzi relatati ma' dan il-proġett u kif il-proposta ntlaqgħet tajjeb mill-bord.

22.3.9 Il-membri approvaw din il-kollaborazzjoni u esprimew ix-xewqa li bħala kollaboratur għandu jkun użat Henry J Beans jew Starbucks, jekk dan il-bord ma jsibx oġġezzjoni.

- *Award in Office Administration*

22.3.10 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 26 ta' Lulju 2023 hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti għall-konferenza li nżammet fil-Kunsill Reġjonali Nofsinhar dwar it-tnedija tal-kors li qed isir flimkien mal-Jobsplus.

22.3.11 Is-Sur Chircop spjega kif dan il-kors ser ikun qed jiġi offrut b'xejn għall-impjegati kollha li jaħdmu fil-Kunsill Reġjonali u Lokali.

22.3.12 Għal din ira-raġuni hu ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex jinkuraġġixxu lill-impjegati fil-Kunsill Lokali.

- *Laqgħa mal-Profs Andrew Azzopardi*

22.3.13 Il-President għamel referenza għal din il-laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 26 ta' Lulju 2023 fejn hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tkelmu dwar l-istudju li kien ġie ppreżentat lil uħud mis-Sindki fl-iskola ta' Santa Klara.

22.3.14 Is-Sur Chircop spjega wkoll kif is-Surmast ta' l-iskola ta' Santa Klara, is-Sur Tony Borg, ġie nfurmat li dan ir-Reġjun qed isib mezzi ta' kif ir-Reġjun jistà jkun t'għajnuna u malli jkun hemm xi ħaġa kkonfermata, dan ser jiġi kkomunikat mas-Sur Borg.

- *Laqgħat ma' TM*

22.3.15 Il-President għamel referenza għal laqgħa li nżammet nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju 2023, fejn hu bħala President flimkien mas-Sindki fi ħdan ir-Reġjun kienu preżenti għal laqgħa li kienet imsejħa mis-CEO ta' TM, is-Sur Jonathan Borg.

22.3.16 Il-President żied jgħid ukoll kif nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju 2023 kellha tinżamm laqgħa mas-CEO il-ġdid ta' TM, is-Sur Jonathan Borg. Madanakollu fl-aħħar minuta ġejna nfurmati li din il-laqgħa kellha terġa tiġi skedata għal ġurnata oħra. Għal din ir-raġuni din il-laqgħa għand tinżamm nhar il-Ħamis 3 ta' Awissu 2023.

22.3.17 Is-Sur Chircop żied jgħid kif aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

22.3.18 Marbuta ma' TM u l-kick scooters, dalgħodu nżammu laqgħat bejn TM u rapreżentant mill-BOLT, bIRD fejn għaliha konna preżenti jiena u Andrea, flimkien ma' rappreżentanti mill-Kunsill Lokali ta' Swieqi, Iklin u Msida. Sfortunatament Birkirkara mattenda ħadd. Dawn il-laqgħat ġew mitluba minn naħa ta' TM u ġew ikkoordinati minn Andrea.

22.3.19 Is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti dwar ix-xewqa tiegħu li jinżamm seminar fejn ikun hemm l-*istakeholders* involvuta mal-ġbir tal-waste sabiex ikun hemm diskussjoni serja bejn l-entitajiet kollha. Hu spjega kif din diġa tkellimha ma' l-Onor Alison Zerafa Civelli u tagħtu l-appoġġ tagħha sabiex dan jinżamm.

22.3.20 Hu kompla jgħid kif dan is-seminar irid ikun hemm gwida ċara tar-responsabilitajiet mingħand kull entità involuta ma' dan il-qasam. Waqt din is-seminar irid ikun hemm persuna bħala rapporteur li jwassal il-konklużżjonijiet li jkunu ġew diskussa matul dan is-seminar.

22.3.21 Is-Sur Chircop spjega kif dan huwa Reġjun kompost minn kull problema li tistà teżisiti u jkun tajjeb li nkunu ta' eżempju li dawn il-problemi kollha jkunu jistgħu jiġu solvuta.

22.3.22 Inżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar in-nuqqas ta' infurzar li tinħass fil-lokalitajiet peress li ħafna mill-iskart qed jinħareġ fil-ħin ħazin jew mhux skond l-iskeda.

22.3.23 Is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, ippropona sabiex tinżamm konferenza stampa mir-Reġjun u fiha jintqalu s-suġġerimenti mressqa mir-Reġjun u n-nies ikunu jafu li r-Reġjun flimkien mal-Kunsilli Lokali qed jgħamlu l-almu tagħhom sabiex ma jħallux din is-sitwazzjoni għaddejja kif inhi.

22.3.24 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, spjega kif meta l-Kunsill tiegħu kien għamel xahar iħallas għas-servizz ta' *green warden,* il-multi inħarġu w s-sistema kienet tajba. Madanakollu hu spjega kif l-ispiża biex jingħata dan is-servizz kien wisq kbir b'mod speċjali meta wieħed jaf li d-dħul minn dawn il-multi qed imur lura għand il-Gvern.

22.3.25 Għal din ir-raġuni, Dott Sciberras ippropona sabiex bħala Reġjun jgħamel laqgħa mal-LESA u jinstab finanzjament żgħir mill-allokazzjoni sabiex jiġi mħallas dan is-servizz u naraw jekk bħala proġett pilota għal dan ir-Reġjun jirnexxiex. Hu żied jgħid kif jekk il-LESA ma jaċċettawx, ir-Reġjun jistà jitlob l-istess arranġament lill-TM.

22.3.26 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dawn il-punti, kien hemm qbil sabiex isiru l-preparamenti neċessarji sabiex jinżamm dan is-seminar. Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Laqgħa ma' l-Avukat Clement Mifsud Bonnici*

22.3.27 Is-Sur Chircop informa lill-membri dwar laqgħa li għandu skedata flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv dwar is-sitwazzjoni preżenti bil-kuntratt tal-kollettur tal-ġbir ta' l-iskart.

22.3.28 Sa llum Jeanette reġgħet tkelmet mal-kuntrattur, is-Sur Chris Galea u qalla li għad baqalhom perjodu ta' gimgħatejn oħra sabiex din is-sistema tinghata peress li għadhom qed jinstallaw internet b'saħħtu mill-GO biex ikun jist jaqsam din id-data tal-Kunsilli Lokali kollha. Dan wara li d-Dipartiment talab għal kummenti ta' dan ir-Reġjun fuq dan is-servizz.

22.3.29 ***19:16pm - Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, u s-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, skużaw ruħhom mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

22.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 22.6 Rapporti

22.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa kien qed jiġi mressaq ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena 2023.

22.6.2 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif l-accountant tar-Reġjun, is-Sa Romina Perici Ferrante, ma segħatx tkun preżenti għal din il-laqgħa pero s-Segretarju Eżekuttiv ressqat spjegazzjoni dwar ir-rapport li kien qed jiġi mressaq.

22.6.3 Is-Sgeretarju Eżekuttiv spjegat kif €171,607 intefqu fuq Emolumenti Personali (minn baġit Annwali ta' €432,429). In-nefqa fuq il-ġbir ta' l-iskart kienet tammonta għal €1,079,580 u €489,664 fuq ir-rimi tal-iskart.

22.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll kif l-ammont ta' €204,981 tħallas lill-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali fuq proġetti li nżammu b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. L-ammont ta' €84,043 intefqu fuq spejjeż amministrattivi minn baġit annwali rivedut ta' €127,986 u flus kontanti totali fil-kontijiet bankarji jammontaw għal €2,245,388.

22.6.5 Il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant għandu Kapital tax-Xogħol ta' €754,800 li huwa 129% tal-Allokazzjoni Annwali tal-Gvern.

22.6.6 Il-President talab lill-membri jressqu l-mistoqsijiet tagħħom.

22.6.7 Peress li ma kien hemm l-ebda mistqosijia dwar dan, il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport.

## 22.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali*

22.7.1 Il-President informa lill-membri kif il-persuna magħżula għal Maniġer tal-Kultura aċċettat din il-pożizzjoni u bdiet il-ħidma tagħha ma' dan ir-Reġjun minn nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2023.

22.7.2 Il-President informa lill-membri kif il-persuna magħżula għal Maniġer tal-fondi tal-UE/Lokali ma aċċettatx din il-pożizzjoni u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv talbet lit-tieni applikanti tikkkonferma l-interess tagħha.

22.7.3 Is-Sur Chircop spjega kif peress li lanqas din ma aċċettat u peress li ma kien hemm ħadd aktar eleġibbli għal din il-pożizzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ħarġet din is-sejħa esternament.

22.7.4 Is-Sur Chircop qal li jekk ikun hemm applikazzjonijiet validi, l-bord ser ikun qed jerġa jiltaqà biex jinżammu dawn l-intervisiti u aġġorment dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

22.7.5 Il-persuna magħżula għal IT Manager ġiet magħżula waqt l-intervista li kienet inżammet pero għadna qed nivverifikaw jekk l-esperjenza tiegħu hux tajba sabiex jiġi aċċettat għal din il-pożizzjoni.

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant*

22.7.6 Il-President informa lill-membri kif l-applikanta magħżula, is-Sa Noelene Barbara, ġiet infurmata bid-deċiżjoni ta' dan ir-Reġjun u bdiet l-impjieg tagħħa minn nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2023.

- *Clerk fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant (Scale 15)*

22.7.7 B'referenza għal din s-sejħa, is-Sur Chircop spjega kif din is-sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2023 u sad-data ta' l-għeluq dan ir-Reġjun kellu applikazzjonijiet li huma validi. Hu spjega kif għal din ir-raġuni l-board ser ikun qed jiltaqa fil-ġranet li ġejjin sabiex jinżammu l-intervisti.

22.7.8 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Part Time Cleaner (Scale 18)*

22.7.9 B'referenza għal din is-sejħa s-Sur Chircop spjega kif din is-sejħa inħarġet internament u peress li dan ir-Reġjun ma rċieva l-ebda applikazzjoni sad-data ta' l-għeluq (it-Tlieta 25 ta' Lulu 2023), is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil Jobsplus sabiex jipproċedu b'din is-sejħa.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time fit-Tribunal Lokali*

22.7.10 Il-proċess għal din is-sejħa inbeda u ser jingħata aġġornament fil-laqgħa li jmiss.

## 22.8 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Kwotazzjonijiet Miġbura*

22.8.1 Il-President informa lill-membri kif wieħed mill-air conditions li kien hemm fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun ma kienx qed jaħdem u għal din ir-raġuni kellhom jinġabru tliett kwotazzjonijiet sabiex jinxtara ieħor ġdid.

22.8.2 Is-Sur Chircop informa lill-membri li dan l-AC inxtara mingħand Johan Meli Airconditioning.

22.8.3 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex tinxtara fridge żgħira għat-tribunal peress li dik li kien hemm kienet bil-ħsara, u oħra kbira fl-uffiċċju amministrattiv peress li l-ammont ta’ nies li qed ikun hemm fl-uffiċċju waħda mhux qed tkun biżżejjed.

22.8.4 Is-Sur Chircop qal ukoll kif l-uffiċċju ġabar il-kwotazzjonijiet neċessarji sabiex jinxtraw Convex Feather Flags – €731.60 mingħand Flags and Banners; Bucket Hats - €1,239 mingħand Tree64; Photocopiers – Ofici €2,761.20.

22.8.5 Il-membri preżenti approvaw dawn il-kwotazzjonijiet preżentati waqt din il-laqgħa.

- *Cir AKL 2023/045_LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal*

22.8.6 Il-President informa lill-membri kif il-bord tal-Fondi u Finanzi kompost minnu flimkien mas-Sur Max Zammit u s-Sur Anthony Dalli, mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun kienu iltaqgħu nhar il-Ħamis 13 ta’ Lulju 2023 u ġew imressqa xi domandi lis-Sur Mario Fava.

22.8.7 Is-Sa Galea qrat id-domandi ta’ kjarifika li kienu ġew imressqa kemm lis-Sur Fava kif ukoll lis-Sur Svetlick Flores.

22.8.8 Wara li nqraw l-ammonti ta’ kif ser ikunu qed jitqassmu dawn il-fondi bejn il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun mill-President, Dott. Borg Manche staqsa kif dan l-ammonti ġew maħdumin.

22.8.9 Il-President spjega kif il-bord kien iltaqa u bbaża dawn l-ammonti skond l-informazzjoni li ġabret is-Segretarju Eżekuttiv mill-Kunsilli Lokali.

22.8.10 Is-Sindku ta’ l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, kif l-attività tan-nar ta’ Ħal Lija jsir fl-Iklin u kif il-gwardjani lokali u t-tindif relatat jitħallas mill-Kunsill ta’ l-Iklin u mhux Ħal Lija.

22.8.11 Il-President informa lill-membri li din il-verżjoni *draft* ser tiġi ċċirkulata permezz ta’ email sabiex kulħadd jgħaddi l-kummenti tiegħu.

- *Live Streaming tal-Laqgħat*

22.8.12 Il-President informa lill-membri dwar kominikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar il-Ħamis 13 ta’ Lulju 2023 mingħand il-Monitoring Officer, is-Sa. Jeanette Abdilla, fejn staqsiet għalfejn il-laqgħat tar-Reġjun mhumiex qed jiġu live streamed.

22.8.13 Is-Sur Chircop spjega kif wara li infurmajnihom li l-aħħar komunikazzjoni dwar dan kienet li id-Diviżjoni Lokali kellha tagħmel proġett pilota dwar dan ħafna żmien ilu, is-Sa Abdilla infurmatna li r-Reġjun hu

obbligat bil-liġi li jgħamel il-laqgħat 'live streamed' u 'on demand' u għal din ir-raġuni ġejna mitluba sabiex nagħmlu kuntatt ma' l-IMU sabiex nipproċedu b'dak li hemm bżonn isir.

22.8.14 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sa Geal kienet talbet direzzjoni mingħand l-IMU u dawn infurmawna li bħalissa l-IMU u ICT Unit qegħdin fil-fażi finali li jsibu soluzzjoni mal-MITA rigward l-aħjar metodu tal-live steaming mar-Reġjuni u mal-Kunsilli Lokali. Meta jkolna din l-informazzjoni ser jingħataw l-*ispecifications* tas-sitemi tal-video conferencing lid-Divizjoni wkoll.

- *Kaleici Old Town Festival*

22.8.15 B'Referenza għal dan il-festival, is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva din l-istedina stedina mingħand Antalya sabiex ir-Reġjun jibgaħat sa tliett rappreżentanti fil-festival li ser ikun qed jinżamm bejn is-26 u d-29 ta' Ottubru 2023.

22.8.16 Is-Sur Chircop spjega kif għal dan il-għan is-segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet email bil-miktub u sad-data u ħin stipulat dan ir-Reġjun irċieva xewqa mingħand żewġ Sindki – is-Sa Margaret Baldacchino Cafai u s-Sur Anthony Dalli. Iż-żewġ applikazzjonijiet l-oħra mingħand is-Sur Guido Dalli u s-Sur John Pillow kienu waslu wara l-ħin stipulat.

22.8.17 Is-Sur Pillow spjega kif hu kien mingħalieh li l-interess tiegħu kien bagħta fi-ħin stipulaw.

22.8.18 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, infurmat li jekk il-membri jaqblu, hi offriet sabiex l-ismijiet jitilgħu bil-polza.

22.8.19 Il-President ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar is-safar li qed ikollu hu riċentament u xtaq jikkjarifika mal-membri li dawn l-ispejjeż mhux qed jittieħdu mill-finanzi tar-Reġjun.

22.8.20 Il-President ġibed l-attenzjoni li ż-żewġ persuni li kienu ressqu l-interess tagħhom ma kienux preżenti għal din il-laqgħa u jekk kien ser ikun hemm bdil fl-arranġament ta' kif ser jintagħżlu dawn ir-rappreżenti, hu nsista li dan ma kienx ser ikun ġust.

22.8.21 Is-Sur Pillow spjega li xi ma jaqbilx li jintbagħat persuna li jkun għadu fuq żmien ta' prova.

22.8.22 Is-Sur Chircop spjega li dan huwa l-qasam tagħha u għal din ir-raġuni bħala Reġjun rajna li jkun fl-interess għar-Reġjun li tintbagħat dan l-uffiċċjal b'mod speċjali peress li s-sena d-dieħla dan ir-Reġjun ser ikollu t-titlu ta' Reġjun tal-Kultura.

22.8.23 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex għal din is-sena r-rappreżentanti jkunu s-Sa Marcon Borg Caruana, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai u s-Sur Anthony Dalli.

- *Kunsill Lokali tal-Pietà*

22.8.24 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar l-Erbgħa 26 ta' Lulju dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni sabiex mill-fondi allokati dan il-Kunsill ikun jista jorganizza attività muzikali f'Jum il-Lokal, kunċert tal-banda fil-ġranet tal-festa, attività mal-Akkademja ta' Pietà Hotspurs FC kif ukoll kors tal-ħjata għall-pavaljuni tal-Festa.

22.8.25 Is-Sa Galea spjegat ukoll li fondi oħra ser ikunu qed jiġu utiliżżati bħala fees professjonali għall-proġetti li għandhom għaddejjin ma' Project Green kif ukoll ma' Infrastructure Malta.

22.8.26 Is-Sa Galea infurma lill-membri wkoll kif dan il-Kunsill ser ikun qed jutilizza il-fondi tar-raba skema finanzjarja sabiex ikun hemm dawl u tiżjin tal-Milied fit-toroq.

22.8.27 Il-membri preżenti approvaw it-talbiet imressqa mingħand dan il-Kunsill.

- *European Mobility Week 2023*

22.8.28 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal korrispondenza li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand l-AKL dwar il-European Mobility Week.

22.8.29 Is-Sa Galea spjegat kif din il-korrispondenza ġiet diskussa mal-Maniġer ta' l-Ambjent sabiex navviċinaw lil Profs. Maria Attard biex nikkunsidraw il-possibilita li jkun hemm proġett bejn ir-Reġjun u l-Kunsilli flimkien ma' l-Università.

22.8.30 Is-Sa Galea infurmat lill-membri kif aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss peress li kienu għadhom qed jistennew tweġiba dwar dan mingħand Profs. Attard.

- *Social Impact Assessment*

22.8.31 B'referenza għal dan l-istudju, is-Sa Gaea infurmat lill-membri preżenti kif parti minn dan l-istudju hemm bżonn li jinżammu żewġ *Focus Groups* – waħda mas-Sindki biss fi ħdan ir-Reġjun u ieħor għall-Kunsilliera fi ħdan ir-Reġjun.

22.8.32 Is-Sa Galea spjegat kif il-*focus group* mas-Sindki ser ikun qed jinżamm nhar l-Erbgħa 4 ta' Ottubru 2023 u mal-Kunsilliera jinżamm l-għada, il-Ħamis 5 ta' Ottubru 2023.

22.8.33 Għal din ir-raġuni s-Sa Galea talbet lill-membri sabiex jieħdu nota dwar dan u jgħamlu mezz li jkunu preżenti u kif komunikazzjoni uffiċjali dwar dan għandha tintbagħat l-għada ta' din il-laqgħa.

- Rapporti mill-Maniġers tar-Reġjun

22.8.34 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda r-rapporti tat-tieni kwart tas-sena 2023 dwar il-ħidma li tkun saret mill-Maniġers li jinsabu f'dan ir-Reġjun – mill-Maniġer ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, mill-Maniġer responsabbli mill-*Waste Collection*, is-Sur Ryan Zammit; u mill-Maniger tal-Proġetti, is-Sur Kurt Camilleri.

22.8.35 Is-Sa Galea infurmat lill-membri kif kopja ta' dawn ir-rapporti kienu diġa ntbagħtu qabel din il-laqgħa.

22.8.36 Is-Sur Chircop qal kif il-membri diġa kienu għaddew il-kummenti fuq is-Sur Camilleri.

22.8.37 Is-Sa Galea ħadet din l-okkażżjoni sabiex tfakkar lill-membri dwar l-Maniġer tal-Kultura li kienet bdiet l-impjieg tagħha f'Lulju u li kienet għadha qed tistenna mingħand il-Kunsilli Lokali sabiex ikun hemm laqgħa ta' introduzzjoni ma kull Kunsill Lokali.

22.8.39 Is-Sur Chircop insista sabiex dawn il-laqgħa jinżammu b'mod speċjali peress li jrid jiġi stabbilit programm kulturali għas-sena d-dieħla u kien hemm diskussjoni dwar is-sejħa ta' Direttur Artistiku.

## 22.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

22.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

22.9.2 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 19A u 19B.

22.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 22.10 Mozzjonijiet

22.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 22.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-20:20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Awwissu 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 28 ta' Awwissu, 2023.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv